MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru 53/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**VS**

**STEPHEN NAPPA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Stephen Nappa, ta' 26 sena, bin Joseph u Eva nee' Cuschieri, imwieled Tal-Pieta' nhar l-1 ta' Dicembru, 1980, residenti fil-fond nurmu 140, Triq San Nikola, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 554480(M);

1. Akkuzat talli nhar l-14 ta' Jannar, 2007, ghall-habta tas-2.00pm, fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Kenwood, bil-valur ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100.00), u telephone cellulari tal-marka Samsung bil-

valur ta’ madwar Lm60.00 (sittin lira maltin) minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni KIT 311, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U kif ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar jew ghamel hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni KIT 311, liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin (Lm50.00), izda mhux izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00).

Wara li rat id-dokumenti esebiti;.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f’dan l-istadju ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271, 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Stephen Nappa hati tal-akkuzi hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ghal zmien sentejn (2), sospizi ghal erba’ (4) snin taht supervizjoni ta’ ufficjal tal-Probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spejgat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------